31985R3117

L 297/1 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 9.11.1985

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru. 3117/85 ta' l-4 ta' Novembru 1985li jippreskrivi regoli ġenerali dwar indennizzi f'forma ta' kumpens fir-rigward tas-sardin

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) u l-Liġi annessa ma' dak it-Trattat, u b'mod partikolari l-Artikoli 171 u 358 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-Att ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall jaħseb għal sistema speċjali għall-proċess li jwassal għall-allinjament tal-prezzijiet tas-sardin, fl-Istati Membri ġodda u fl-Istati Membri tal-Komunità kif kostitwita qabel l-1 ta' Jannar 1986, fuq il-livell tal-prezzijiet tal-Mediterran; billi din is-sistema hija akkumpanjata bit-twaqqif, mid-data ta' l-adeżjoni, ta' sistema ta' indennizz f'forma ta' kumpens għall-produtturi tas-sardin fil-Komunità kif kostitwita qabel l-1 ta' Jannar 1986, li għaliha jridu jiġu magħmula regoli dettaljati ta' implimentazzjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1985;

Billi din is-sistema speċjali għall-proċess lejn allinjament tal-prezzijiet għandha influwenza diretta fuq il-livell tad-dħul tal-produtturi tas-sardin Atlantiku fl-Istati Membri tal-Komunità kif kostitwita qabel l-1 ta' Jannar 1986 u billi hija timmodifika l-bilanċ eżistenti tal-produzzjoni tas-sardin fl-istess Komunità;

Billi din il-qagħda ġdida, bil-fatt li tkun qiegħda timmodifika l-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni fis-swieq ta' l-Istati Membri tal-Komunità kif kostitwita qabel l-1 ta' Jannar 1986, tinfluwenza wkoll il-livell tad-dħul tal-produtturi tas-sardin ta' dawk l-Istati Membri fir-reġjun tal-Mediterran;

Billi, konsegwentement, għandhom jiġu ffissati regoli ġenerali dwar l-għoti ta' dawn l-indennizzi; billi r-regoli dettaljati stabbiliti għall-proċess lejn allinjament tal-prezzijiet huma tax-xorta li għandu jsir divrenzjar fil-kondizzjonijiet li fuqhom jingħataw l-indennizzi bejn produtturi mill-Atlantiku, u dawk mill-Mediterran;

Billi l-indennizz mogħti għas-sardin tal-Mediterran isir fażi fażi tul il-perjodu tal-proċess ta' l-allinjament tal-prezzijiet; billi r-rata tat-tnaqqis fażi fażi sseħħ bħala riżultat tal-livell tal-prezzijiet iffissati ta' kull sena mill-Kunsill;

Billi l-kondizzjonijiet li fuqhom jingħata l-indennizz fuq is-sardin tal-Mediterran għandhom jagħtu każ, minn naħa l-waħda, ta' l-effetti tat-tibdil fil-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni fuq id-dħul tal-produtturi konċernati u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li jkun hemm kumpens għad-differenza fil-prezz bejn il-produzzjonijiet dominanti tal-Mediterran u ta' l-Atlantiku mingħajr l-introduzzjoni ta' fatturi li jbiddlu l-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni bejn dawk li jħaddmu l-proċessi f'Komunità mkabbra,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli ġenerali dwar l-għoti ta' indennizzi f'forma ta' kumpens lil produtturi tas-sardin fil-Komunità kif kostitwita qabel l-1 ta' Jannar 1986 waqt il-perjodu tal-proċess lejn l-allinjament fil-prezz tas-sardin kif definit bl-Att ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall.

Artikolu 2

1. Għandu jingħata indennizz f'forma ta' kumpens għal sardin Atlantiku prodott fil-Komunità kif kostitwita qabel l-1 ta' Jannar 1986;

— li huma tal-kwalitajiet E u A, kif imfissra fir-Regolament (KEE) Nru. 103/76 [1], kif l-aħħar emendat fir-Regolament Nru. 3166/82 [2],

— li huma offruti għall-bejgħ biex jittieklu mill-bnedmin f'limitu ta' 2 000 tunnellata metrika kull sena, minn organizzazzjonijiet ta' produtturi fis-sens ta' l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KEE) Nru. 3796/81 [3], bi prezzijiet mill-inqas daqs il-prezz Komunitarju ta' tneħħija mis-suq kif imfisser fl-Artikolu 12(1) ta' l-aħħar Regolament imsemmi, imma inqas minn prezz mimimu garantit, u

— li huma maħsuba għall-ipproċessar

[1] ĠU L 20, tat-28.1.1976, pġ. 29.
[2] ĠU L 332, tas-27.11.1982, pġ. 4.
[3] ĠU L 379, tal-31.12.1981, pġ. 1.

2. L-indennizz għandu jingħata lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi bil-kondizzjoni li

— kienu ġew stabbiliti u rikonoxxuti taħt ir-Regolament (KEE) Nru. 3796/81 qabel l-Adeżjoni, u

— matul is-sentejn ta' qabel id-data ta' l-Adeżjoni applikaw il-prezz ta' tneħħija mis-suq tas-sardin, filwaqt li osservaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru. 3796/81.

3. Il-prezz minimu garantit speċifikat fil-paragrafu 1 għandu jkun il-prezz ta' tneħħija mis-suq li jkun ġie applikat matul l-aħħar sena ta' qabel l-Adeżjoni kkoreġut skond kull ħlas li jkun ser jiġi applikat għall-prezz ta' gwida għas-sena tas-sajd li jmiss.

4. L-indennizz għandu jkun daqs id-differenza bejn il-prezz tal-bejgħ li jdaħħal il-produttur u l-prezz minimu garantit.

5. Il-kumpens finanzjarju li hemm maħsub fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru.3796/81 għandu jiġi kkalkulat skond il-bażi tal-prezz mimimu garantit kif definit fil-paragrafu 3.

Artikolu 3

1. Għandu jingħata indennizz f'forma ta' kumpens għal sardin Mediterranju maħdum fil-Komunità kif kostitwita qabel l-1 ta' Jannar 1986 bil-kondizzjoni li:

— jkunu ta' daqs 3 jew 4 u ta' kwalità E u A kif imfisser fir-Regolament (KEE) Nru. 103/76,

— li jinbiegħu u jiġu fil-fatt ikkunsinnati sa limitu ta' 43 000 tunnellata metrika kull sena biex jiġu ipproċessati f'ħut ippriservat li jaqa' taħt l-intestatura Nru. 16.04 tal-Kodiċi Doganali Komuni jew fi prodotti mmellħin li jitpoġġew f'kontenituri li jkunu ssiġillati ermetikament, u

— il-prezz tal-bejgħ tagħhom fl-ewwel stadju tal-proċess tal-bejgħ huwa mill-inqas il-prezz Komunitarju ta' tneħħija mis-suq. Dak il-prezz għandu jiżdied, għal kull kategorija ta' prodotti msemmija, mill-inqas, bid-differenza bejn il-prezz ta' tneħħija mis-suq tas-sardin Atlantiku u dak Mediterranju applikabbli fil-Komunità kif kostitwita qabel l-1 ta' Jannar 1986.

2. Il-kwantitajiet li jikkwalifikaw għall-indennizz għandhom jiġu determinati għal kull organizzazzjoni tal-produtturi jew għal kull produttur skond il-kwantitajiet ikkunsinnati għall-ipproċessar kif speċifikat fil-paragrafu 1 waqt il-perjodu 1982 sa 1984.

3. L-indennizz għandu jkun daqs id-differenza bejn il-prezz ta' tneħħija mis-suq ta' sardin Atlantiku tad-daqs msemmi applikabbli fil-Komunità kif kostitwita qabel l-1 ta' Jannar 1986 u l-prezz ta' tneħħija mis-suq ta' sardin Atlantiku ta' daqs 2 applikabbli fl-Istati Membri ġodda.

4. L-indennizz għandu jitħallas lil min iħaddem il-proċess.

5. Il-premium previst fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KEE) Nru. 3796/81 ma jistax jiġi magħdud flimkien mas-sussidju previst f'dan l-Artikolu.

Artikolu 4

Għandhom jiġu applikati regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 33 tar-Regolament (KEE) Nru. 3796/81.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1986 suġġett għad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall.

Għandu japplika mill-1 ta' Marzu 1986

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-4 ta' Novembru 1985.

Għall-Kunsill

Il-President

R. STEICHEN